Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,847, 28 ta' April, 2022

Taqsima B

A.L. 121 tal-2022

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli tal-2022 li jemendaw ir-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Ċerti Trasferimenti ta' Proprjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 12(2) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2022 li jemendaw ir-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Ċerti Trasferimenti ta' Proprjetà u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Ċerti Trasferimenti ta' Proprjetà, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "r-regoli prinċipali". L.S. 123.199.

Temenda r-regola 3 tar-regoli prinċipali.

2. Il-paragrafu (b) tar-regola 3 tar-regoli prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subparagrafu (i) tiegħu, il-kliem "iżda qabel l-1 ta' Lulju 2022" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "iżda sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2022"; u

(b) fis-subparagrafu (iii) tiegħu, il-kliem "31 ta' Lulju 2022." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "31 ta' Ottubru 2022.".